Knowledge of the business of the Ministry Relevant qualifications Familiarity with EU institutions, particularly the Council	
Skills	**30**
Ability to assimilate complex information and to rapidly identify key issues Communication skills (particularly in writing)	
Experience	**30**
Experience and track record in handling issues related to the Ministry's work Experience and track record in advisory and policy development work	

Personal attributes	**10**
Commitment and initiative	
Ability to work in a team	
Tact and diplomacy	
Maximum	**100**
Minimum	**60**

It-18 ta' Novembru, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Fiżjoterapista fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet ta' Fiżjoterapista fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2.1 Il-post ta' Fiżjoterapista għandu salarju ta' €12,567 fis-sena, li jiżdied b' €354.17 fis-sena sa massimu ta' €14,692 (Skala ta' Salarju Nru. 12). Persuna fil-grad ta' Fiżjoterapista tiġi promossa fil-grad ta' Fiżjoterapista Anzjan fi Skala Nru. 10 b'salarju ta' €14,186 li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €16,632 wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Fiżjoterapista li għandha xi *degree* rikonoxxuta fil-Fiżjoterapija titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Fiżjoterapista gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 b'salarju ta' €15,074 li jiżdied b'€447.17 fis-sena sa massimu ta' €17,757 meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' Fiżjoterapista gradwat. Persuna fil-grad ta' Fiżjoterapista gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Fiżjoterapista Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' Fiżjoterapista jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

18th November, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Physiotherapist in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Physiotherapist in the Ministry for Social Policy (Health).

2.1 The post of Physiotherapist carries a salary of €12,567 per annum, rising by annual increments of €354.17) up to a maximum of €14,692 (Salary Scale No. 12). A Physiotherapist will be promoted to the grade of Senior Physiotherapist in Salary Scale No. 10 with a salary of €14,186 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €16,632 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Physiotherapist in possession of a recognised degree in Physiotherapy will be placed in Salary Scale No. 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Physiotherapist will progress to Salary Scale No. 9 with a salary of €15,074 rising by annual increments of €447.17 up to a maximum of €17,757 on completion of two years service as graduate Physiotherapist. A graduate Physiotherapist will be promoted to Senior Physiotherapist on completion of two years service in the grade of Physiotherapist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. Id-dmirijiet ta' Fiżjoterapista jinkludu:

a) assessjar u trattament ta' pazjenti kif ikunu allokati minn impjegati aktar anzjani;

b) żamma ta' *records* korretti skond il-*policies* u l-proċeduri tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa);

ċ) żvilupp ta' tagħrif kliniku permezz ta' attendenza ta' attivitajiet relevanti edukattivi u kliniċi.

d) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru tal-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Personnel* (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:-

a (i) ikunu ċittadini ta' Malta;
JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

4. The duties of a Physiotherapist include:

a) assessing and treating patients as allocated by Senior Staff.

b) keeping accurate records in accordance with Ministry for Social Policy (Health) policies and procedures.

c) developing clinical knowledge by attending relevant educational and clinical activities.

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Ministry for Social Policy (Health).

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala Fiżjoterapista mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza,

c) be in possession of a certificate of registration as Physiotherapist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any

mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat tal-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Diċembru 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Diċembru 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru tal-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Social Policy (Health).

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 12th December 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 12th December 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-18 ta' Novembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jingaġġa:

Information Technology Lecturing Staff (Permess tal-ETC Nru. 231/2008)

Il-kandidati prospettivi għandu jkollhom:

L-ewwel *degree* relatata ma' suġġett tal-*computer* u kwalifiki vokazzjonali relevanti (livell 3 jew aktar) u tal-anqas 5 snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u adatta u għandhom ikunu kwalifikati f'wieħed mill-oqsma li ġejjin:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net C#, Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Applikanti huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2008.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux aċċettati.

It-18 ta' Novembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jingaġġa *Lecturing Staff* f'dawn is-suġġetti:

Electrical Technology (Permess tal-ETC Nru. 119/2008)

Il-kandidati prospettivi għandu jkollhom *degree* B. Eng. (Electrical) (Hons.).

Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

18th November, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit:

Information Technology Lecturing Staff (ETC Permit No 231/2008)

Prospective candidates should have a:

First degree in a computer related subject or relevant vocational qualifications (level 3 or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience and should be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB.Net C#, Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Applicants are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Tuesday, 9th December, 2008 at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

18th November, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit Lecturing Staff in the following areas:

Electrical Technology (ETC Permit No. 119/2008)

Prospective candidates should have a B. Eng. (Electrical) (Hons.) degree.

Electronics (Permess tal-ETC Nru. 120/2008)

Il-kandidati prospettivi għandu jkollhom *degree* B. Eng. (Electrical) (Hons.).

Physics (Permess tal-ETC Nru. 189/2008)

Il-kandidati prospettivi għandu jkollhom *degree* B. Eng. (Electrical) (Hons.) bi speċjalizzazzjoni fil-Fiżika jew B.Sc. fil-Fiżika.

Applikanti huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2008.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

It-18 ta' Novembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet minn individwi li għandhom il-kwalifiki u esperjenza meħtieġa biex jimlew il-vakanzi li ġejjin:

ESF Projects Coordinator (part-time) (Permess tal-ETC Nru. 225/2008)

Il-kandidat magħżul jkun mistenni li jikkordina proġetti tal-European Social Fund (ESF) u jara li jintemmu b'suċċess.

Ħtiġiet:

Kandidati għandu jkollhom l-ewwel *degree* relatata mal-*business* u *management* u

Jkollhom tal-anqas 5 snin esperjenza fil-*project management* u/jew koordinazzjoni.

Accounts Lecturing Staff (Permess tal-ETC Nru. 123/2008)

Kandidati għandu jkollhom B.Com. (Hons.) Accountancy Degree.

Min jkollu PGCE jitqies bħala vantaġġ.

Design Crafts/3D Design Lecturing staff (Permess tal-ETC Nru. 127/2008)

Kandidati għandu jkollhom B.A. (Hons.) degree fid-3D Ceramics.

Electronics (ETC Permit No. 120/2008)

Prospective candidates should have a B. Eng. (Electrical) (Hons.) degree.

Physics (ETC Permit No. 189/2008)

Prospective candidates should have a B.Ed (Hons.) degree with a specialisation in Physics or a B.Sc. in Physics.

Applicants are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Tuesday, 9th December, 2008 at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

18th November, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications from individuals who are suitably qualified and experienced to fill the following vacancies:

ESF Projects Coordinator (part-time) (ETC Permit No. 225/2008)

The selected candidate will be expected to co-ordinate projects of the European Social Fund (ESF) and to oversee their successful completion.

Requirements:

Candidates must hold a business or a management related first degree and

Have a minimum of 5 years in experience project management and/or coordination.

Accounts Lecturing Staff (ETC Permit No. 123/2008)

Candidates must hold a B.Com. (Hons.) Accountancy Degree.

Possession of the PGCE will be considered an asset.

Design Crafts/3D Design Lecturing staff (ETC Permit No. 127/2008)

Candidates must hold a B.A. (Hons.) degree in 3D Ceramics.

Mathematics Lecturing Staff (Permess tal-ETC Nru. 132/2008)

Applikanti għandu jkollhom *degree* B.Ed. (Hons.) bi speċjalizzazzjoni fil-Matematika.

Min ikollu *degree* B.Eng. (Hons.) jew xi *degrees* oħra li jispeċjalizzaw fil-Matematika jiġu wkoll ikkunsidrati.

Mechanical Engineering (Manufacturing) Lecturing Staff (Permess tal-ETC Nru. 133/2008)

Applikanti għandu jkollhom *degree* B.Eng. (Hons.) (Mechanical) jew Diploma Teknika Avanzata.

Fiż-żewġ każijiet, huma meħtieġa tal-anqas 5 snin esperjenza relevanti u approprjata industrijali/kummerċjali.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2008.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux aċċettati.

It-18 ta' Novembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla l-vakanzi li ġejjin:

Direttur tal-Istitut għas-Servizzi fil-Kommunità (Permess tal-ETC Nru. 226/2008)

Responsabbilitajiet:

Ir-responsabbilitajiet tal-kandidati jinkludu:

Jipprovdi għall-amministrazzjoni tat-tmexxija ta' kuljum tal-Istitut;

Jistabbilixxi l-istudji, struzzjonijiet li jridu jingħataw, it-taħriġ u r-riċerka tal-Istitut;

Jipprepara pjanijiet għall-iżvilupp tal-Istitut;

Jmexxi l-edukazzjoni u xogħol ta' taħriġ tal-Istitut;

Jipparteċipa b'mod attiv bħala membru tal-Kunsill tal-Istituti u jippresjedi fuq il-Bord tal-Istudji tal-Istitut.

Ħtiġiet:

L-ewwel *degree* f'qasam relatat mas-Servizzi fil-Kommunità u/jew Applied Science.

Mathematics Lecturing Staff (ETC Permit No. 132/2008)

Applicants must hold a B.Ed. (Hons.) degree with a specialization in Mathematics.

Holders of a B.Eng. (Hons.) degree or of other degrees specializing in Mathematics will also be considered.

Mechanical Engineering (Manufacturing) Lecturing Staff (ETC Permit No. 133/2008)

Applicants must hold a B.Eng. (Hons.) (Mechanical) degree or an Advanced Technician Diploma.

In both instances, a minimum of 5 years relevant and appropriate industrial/commercial experience is required.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 1st December 2008 at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

18th November, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the following positions:

Director Institute of Community Services (ETC Permit No. 226/2008)

Responsibilities:

The responsibilities of the selected candidate will include:

To provide for the administration and day-to-day function of the Institute;

To establish the studies, the instruction to be imparted, the training and the research at the Institute;

To prepare plans for the development of the Institute;

To conduct the education and training work of the Institute;

To actively participate as a member of the Council of Institutes and preside over the Board of Studies of the Institute.

Requirements:

A first degree in an area related to Community Services and/or Applied Science

Tal-anqas 5 snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing*.

Tingħata preferenza lill-kandidati li jkollhom degree ta' wara l-gradwazzjoni relatata ma' wieħed mill-oqsma prinċipali ta' studju tal-Istitut u/jew management, u jkollhom esperjenza f'pożizzjoni ta' *management*.

Direttur għar-Riżorsi Umani u Żvilupp (Permess tal-ETC Nru. 227/2008)

Responsabbilitajiet:

Ir-responsabbilitajiet tal-kandidat magħżul jinkludu:

Jippjana, jorganizza, jmexxi u jikkontrolla l-operazzjonijiet kollha tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani fil-parametri tal-għanijiet tal-MCAST u jiffissa miri li jridu jintlaħqu;

Jmexxi laqgħat ta' collective bargaining;

Jassumi r-responsabbilità kollha għas-sistema tal-informazzjoni tar-riżorsi umani tal-MCAST.

Ħtiġiet:

Master's degree relatat b'mod dirett mal-Iżvilupp u t-Tmexxija tar-Riżorsi Umani;

Tal-anqas 10 snin esperjenza industrijali relatata mal-qasam tar-Riżorsi Umani.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2008.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux aċċettati.

It-18 ta' Novembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla vakanzi ta' *lecturer* minn individwi kwalifikati kif suppost u bl-esperjenza biex jgħallmu fl-oqsma li ġejjin:

Manutenzjoni tal-Ajruplani (Permess tal-ETC Nru. 122/2008)

Il-kandidati għandu jkollhom l-ewwel *degree* jew *Advanced Technician Diploma* relatata mal-Avjazzjoni.

L-applikanti għandu jkollhom ukoll tal-anqas 5 snin esperjenza relevanti xierqa fl-industrija/kummerċ.

A minimum of 5 years teaching/lecturing experience.

Preference will be given to candidates who are in possession of a post-graduate degree related to one of the main areas of study of the Institute and/or management, and who have experience in a management position.

Director Human Resources and Development (ETC Permit No. 227/2008)

Responsibilities:

The responsibilities of the selected candidate will include:

To plan, organize, direct and control all operations of the Human Resources Department within the parameters of MCAST's objectives and set performance targets;

To direct collective bargaining meetings;

To take overall responsibility for the MCAST human resources information system.

Requirements:

A master's degree directly related to Human Resources Development and Management;

A minimum of 10 years industrial experience related to the Human Resources field.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 1st December 2008.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

18th November, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill lecturing vacancies from among individuals who are suitably qualified and experienced to teach in the following areas:

Aircraft Maintenance (ETC Permit No. 122/2008)

Candidates must hold a first degree or an Advanced Technician Diploma related to Aviation.

Applicants must also have at least 5 years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Ġojjellerija u Disinn (Permess tal-ETC Nru. 132/2008)

L-applikanti għandu jkollhom diploma nazzjonali ogħla fil-qasam jew kwalifika ekwivalenti.

L-applikanti għandu jkollhom tal-anqas 5 snin esperjenza relevanti u xierqa fl-industrija/kummerċ.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2008.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux aċċettati.

It-18 ta' Novembru, 2008

Jewellery and Design (ETC Permit No. 132/2008)

Applicants must hold a higher national diploma in the area or an equivalent qualification.

Applicants must also have a minimum of 5 years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday, 24th November 2008.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

18th November, 2008

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, Dipartiment tal-*Customer Services* jgħarraf li qed jippubblika l-applikazzjonijiet u r-regolamenti għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet, iżjed l-isfel elenkati, tal-Karnival Reġjonali ta' Għawdex 2009:

Konkors Nru. 1 – Kumpanija taż-Żfin bil-Kostum u Danza (Kbar *Singles);*

Konkors Nru. 2 – Kumpanija taż-Żfin bil-Kostum u Danza (Kbar Koppji);

Konkors Nru. 3 – Karrijiet Trijonfali Sezzjoni A;

Konkors Nru. 4 – Karrijiet Trijonfali – Sezzjoni B;

Konkors Nru. 5 – Maskri Grotteski;

Konkors Nru. 6 – Kumpanija Merry Making;

Konkors Nru. 7 – Kumpanija Spettaklu Karnivalesk;

Konkors Nru. 8 – Tfal bil-Kostum Individwali;

Konkors Nru. 9 – Tfal bil-Kostum Koppji.

Tagħrif dwar dawn il-kompetizzjonijiet jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kultura, Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, ir-Rabat.

Formoli tal-applikazzjoni jinkisbu mill-imsemmi Uffiċċju u għandhom jaslu fl-istess Uffiċċju nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Novembru 2008 bejn id-9.00 a.m. u l-11.00 a.m.

It-18 ta' Novembru, 2008

MINISTRY FOR GOZO

The Gozo Committee for National and Regional Celebrations within the Ministry for Gozo, Department of Customer Services, notifies that it has published the applications and regulations for participation in the Gozo Regional Carnival 2009 competitions listed hereunder:

Competition No. 1 – Dancing Company with Costume (Adults Singles);

Competition No. 2 – Dancing Company with Costume (Adults Couples);

Competition No. 3 – Triumphant Floats – Section A;

Competition No. 4 – Triumphant Floats – Section B;

Competition No. 5 – Grotesque Masks;

Competition No. 6 – Dancing Company 'Merry Making';

Competition No. 7 – Dancing Company ' Carnival Spectacular';

Competition No. 8 – Children Individual Costumes;

Competition No. 9 – Children in Costume Couples.

Further information can be obtained from the Culture Office, Banca Giuratale, Independence Square, Victoria.

Application forms may be obtained from the above mentioned office and must be returned on Friday, 28th November 2008 between 9.00 a.m. and 11.00 a.m.

18th November, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Post ta' Nutar Pubbliku

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi jinħtieġ jingaġġa Nutar Pubbliku biex jifformula l-kuntratti.

Persuni interessati għandhom jissottomettu l-informazzjoni meħtieġa sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-2 ta' Diċembru 2008. Il-korrispondenza għandha tiġi ndirizzata lil Kap Uffiċjal Eżekuttiv, Kumpless Sportiv Kottonera, Bormla BML 9020.

Għandu jsir ħlas ta' €50.00 meta jingabru d-dokumenti.

It-18 ta' Novembru, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Post of Public Notary

The Kunsill Malti għall-Isport requires to engage a Public Notary for the drawing up of contracts.

Interested persons are to submit the required information by not later than noon of Tuesday, 2nd December 2008. Correspondence is to be addressed to the Chief Executive Officer, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua BML 9020.

A fee of €50.00 has to be paid upon collection of documents.

18th November, 2008

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
(SAĦĦA)

Riżultati tal-Intervista għall-Pożizzjoni/Postijiet fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa)

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-pożizzjoni/postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-pożizzjoni/postijiet huma dawn li ġejjin:
Senior Principal Podologist
Speech Therapist

It-18 ta' Novembru, 2008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
(HEALTH)

Results of Interviews for Position/Posts in the Ministry for Social Policy (Health)

The Director General (Resources and Support) notifies that the results of the interview for the undermentioned position/posts may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Social Policy (Health), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The position/posts are the following:
Senior Principal Podologist
Speech Therapist

18th November, 2008

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
(DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR
U KO-ORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET)

Riżultat tal-Intervista għall-Pożizzjoni ta' *Projects Manager* fid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Id-Direttur Ġenerali (PPCD) jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-intervisti għall-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* fir-*Reception* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-18 ta' Novembru, 2008

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
(PLANNING AND PRIORITIES
CO-ORDINATION DIVISION)

Result of Interviews for the Positions of Projects Manager in the Planning and Priorities Division in the Office of the Prime Minister

The Director General (PPCD) notifies that the result of the interviews for the above-mentioned positions may be viewed on the notice-board at the Reception of the Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

18th November, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-20 ta' Novembru, 2008, għal:

CT 204/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2344/2008. Provvista ta' *BCG vaccine and device for intravesical use* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 205/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2358/2008. Provvista ta' *framycetin, gramicidin and dexamethasone ear/eye ointment* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 206/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2360/2008. Provvista ta' *reusable laryngeal masks airways,* Qies: 3 – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 207/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2361/2008. Provvista ta' *reusable laryngeal masks airways,* Qies: 5 – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 208/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2363/2008. Provvista ta' *pressure relief overlay pads* u *covers* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 209/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2356/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *potassium chloride 20%* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 210/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2367/2008. Provvista ta' *anti-haemophilia Factor XIII* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 211/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2433/2008. Provvista ta' *soft drinks* u *table water* - Kumitat tal-*Welfare*. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-25 ta' Novembru, 2008, għal:

CT 202/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2362/2008. Provvista ta' *kits* għall-*immunology* b'tagħmir b'self – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-26 ta' Settembru 2008.

CT 203/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2421/2008. Provvista ta' sodod tat-tip *height adjustable* għas-Sala St Jeanne Antide (Fażijiet 2 u 3) u s-Sala tan-Nisa 3B fl-Isptar

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 20th November, 2008, for:

CT 204/2008. Contracts Ref. No. CT 2344/2008. Supply of BCG vaccine and device for intravesical use – Department of Health.

CT 205/2008. Contracts Ref. No. CT 2358/2008. Supply of framycetin, gramicidin and dexamethasone ear/eye ointment – Department of Health.

CT 206/2008. Contracts Ref. No. CT 2360/2008. Supply of reusable laryngeal masks airways, size: 3 – Department of Health.

CT 207/2008. Contracts Ref. No. CT 2361/2008. Supply of reusable laryngeal masks airways, size: 5 – Department of Health.

CT 208/2008. Contracts Ref. No. CT 2363/2008. Supply of pressure relief overlay pads and covers – Department of Health.

CT 209/2008. Contracts Ref. No. CT 2356/2008. Supply of potassium chloride 20% injections – Department of Health.

CT 210/2008. Contracts Ref. No. CT 2367/2008. Supply of anti-haemophilia Factor XIII – Department of Health.

CT 211/2008. Contracts Ref. No. CT 2433/2008. Supply of soft drinks and table water - Welfare Committee. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 25th November, 2008, for:

CT 202/2008. Contracts Ref. No. CT 2362/2008. Supply of kits for immunology with equipment on loan – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th September 2008.

CT 203/2008. Contracts Ref. No. CT 2421/2008. Purchase of height adjustable beds for St Jeanne Antide Ward (Phases 2 and 3) and Female Ward 3B at Mount Carmel Hospital -

Monte Karmeli - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-1 ta' Ottubru 2008.

CT 215/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2324/2008. Traqqigħ u tqegħid ta' madum tat-tip macadam f'diversi oqsma industrijali - Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' €120.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

CT 216/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2368/2008. Provvista ta' *calcium alginate dressings,* Qies: 15cm x 25cm - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 231/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2463/2008. Disinjar u bini ta' *modular stand* għall-Fieri ITB u IMEX fil-Ġermanja għas-snin 2009-2010 – Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-27 ta' Novembru, 2008, għal:

CT 223/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2221/2008. Tneħħija ta' suffett tal-*asbestos* mit-Teatru tal-Operazzjonijiet, Dipartiment tar-Radjoloġija u kurituri tal-madwar u s-CCU fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-2 ta' Diċembru, 2008, għal:

CT 212/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2298/2008. Qafas ta' ftehim għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates* u *hollow sections* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-2 ta' Ottubru 2008.

CT 213/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2383/2008. Xogħlijiet ta' skavar għall-Bini tal-ICT - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €120.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

CT 214/2008. Kostruzzjoni tal-Bini taċ-Ċentru tas-Servizzi tal-Computer fl-Università ta' Malta - l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €120.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta sejra tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, *Cohesion Policy 2007-2013* - Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(Budget Stmat: €1,173,850.00 inkluża l-V.A.T.).

CT 226/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2440/2008. Provvista ta' *pulmonary surfactant for intra tracheal use* -

Department of Health. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 1st October 2008.

CT 215/2008. Contracts Ref. No. CT 2324/2008. Patching and laying of macadam paving at various industrial estates - Malta Industrial Parks. A fee of €120.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 216/2008. Contracts Ref. No. CT 2368/2008. Supply of calcium alginate dressings, size: 15cm x 25cm - Department of Health.

CT 231/2008, Contracts Ref No. CT 2463/2008. Design and construction of a modular stand for ITB and IMEX Fairs in Germany for the years 2009-2010 – Malta Tourism Authority. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 27th November, 2008, for:

CT 223/2008. Contracts Ref. No. CT 2221/2008. Removal of asbestos false ceiling from the Operating Theatre, Radiology Department and adjoining corridors and CCU at the Gozo General Hospital - Ministry for Gozo. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 2nd December, 2008, for:

CT 212/2008. Contracts Ref. No. CT 2298/2008. Framework agreement for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd October 2008.

CT 213/2008. Contracts Ref. No. CT 2383/2008. Excavation works for the ICT Building - University of Malta. A fee of €120.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 214/2008. Construction of the Computer Services Centre Building at the University of Malta - University of Malta. A fee of €120.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender will be part financed by the European Union, Cohesion Policy 2007-2013 - Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

(Estimated Budget: €1,173,850.00 including V.A.T.).

CT 226/2008. Contracts Ref. No. CT 2440/2008. Supply of pulmonary surfactant for intra tracheal use - Department

Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Diċembru, 2008, għal:

CT 217/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2351/2008. Provvista ta' *disposable reloadable linear cutter* u *stapling device* tul ta' 60mm u *loading units* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-9 ta' Ottubru 2008.

CT 218/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2352/2008. Provvista ta' ngwanti *sterile, non powdered for surgical use* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-9 ta' Ottubru 2008.

CT 219/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2331/2008. Provvista ta' tagħmir b'self ta' *column agglutination* għall-*Blood Bank* tal-Isptar Mater Dei - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-14 ta' Ottubru 2008.

CT 220/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2335/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *octreotide 20mg injections* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-14 ta' Ottubru 2008.

CT 221/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2353/2008. Provvista ta' *knee prosthesis system* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-14 ta' Ottubru 2008.

CT 222/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2357/2008. Provvista ta' *human albumin 20% in 50ml and X100ml dosages* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-14 ta' Ottubru 2008.

